



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.5.2007
KUMM(2007) 242 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU
U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni dwar aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata

{SEG(2007) 570}

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU
U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Komunikazzjoni dwar aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata

“Il-kultura hi l-ħolm u l-ħidmiet kollha li jimmiraw sabiex titwettag b'mod sħiħ l-umanità. Il-kultura tesiġi patt paradossali: id-diversità għandha tkun il-prinċipju ta' unità, filwaqt li t-twizin tad-differenzi hu neċessarju mhux biex jifred, iżda biex aktar iżid jarrikkixxi l-kultura. L-Ewropa hi kultura jew mhix”. Denis de Rougemont

1. INTRODUZZJONI

Il-kultura tinstab fil-qalba ta' l-iżvilupp uman u fiċ-ċiviltà. Il-kultura hi dak li jikkostringina nittamaw u noħolmu, billi tistimulalna s-sensi u billi toffrilna modi ġodda ta' kif inħarsu lejn ir-realtà. Hi dak li tiġbor flimkien lill-ġnus, billi tqanqal id-djalogu u tqajjem il-passjonijiet, b'mod li tgħaqqad aktar milli tifred. Il-kultura għandha titqies bħala sett ta' karatteristiċi distintivi spiritwali u materjali li jikkaratterizzaw soċjetà u grupp soċjali. Hi tħaddan kemm il-letteratura u l-arti kif ukoll modi ta' ħajja, sistemi ta' valuri, tradizzjonijiet u twemmin.

Bħalma Dario Fo stqarr b'mod ġust, *“anki qabel ma l-Ewropa ngħaqdet f'livell ekonomiku jew ġiet konċeputa fil-livell ta' l-interessi ekonomiċi u kummerċjali, kienet il-kultura li ġabret flimkien il-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa. L-arti, il-letteratura, il-mużika huma t-taħlita li tgħaqqad l-Ewropa”*. Tassew, l-Ewropej jaqsmu bejniethom wirt kulturali komuni, li hu r-riżultat ta' sekli ta' kreattività, influssi migratorji u skambji. Huma jgawdu wkoll u japprezzaw kultura rikka u diversità lingwistika, li hi ta' spirazzjoni u li spirat ħafna pajjiżi madwar id-dinja.

L-oriġinalità u s-suċċess ta' l-Unjoni Ewropea jinstabu fil-kapaċità tagħha li *tirrispetta* l-istorja, il-lingwi u l-kulturi varjati u mxebilka ta' l-Istati Membri, filwaqt li tistabbilixxi fehmiet u regoli komuni li jggarantixxu paċi, stabbiltà, prosperità u solidarjetà – u flimkien magħhom, rikkezza kbira ta' wirt kulturali u kreattività li magħhom kull tkabbir suċċessiv żied aktar u aktar. Permezz ta' din l-għaqda fid-diversità, ir-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika u l-promozzjoni ta' wirt kulturali komuni jinstab fil-qalba proprja tal-proġett Ewropew. Dan hu indispensabbli aktar minn qatt qabel f'dinja li qed tiġi gglobalizzata.

Fl-Ewropa ta' llum, l-iskambji kulturali huma ħajjin u dinamiċi daqs qatt qabel. Il-libertà tal-moviment ipprovdut mit-Trattat tal-KE ffaċilitat b'mod vast l-iskambji u d-djalogu lil hinn mill-fruntieri. L-attivitajiet kulturali u d-domanda għall-prodotti kulturali qed jinfirxu, bis-saħħa ta' l-aċċess bla preċedent offrut minn għodod ġodda ta' komunikazzjoni. Fl-istess waqt, il-globalizzazzjoni żiedet tesponi kulturi mid-dinja kollha li huma aktar diversi. Dan intensifika l-kurżità u l-kapaċità tagħna biex niskambjaw u biex nibbenefikaw minn kulturi oħra, u kkontribwixxa għad-diversità tas-soċjetajiet tagħna. Madankollu, dan qajjem ukoll mistoqsijiet dwar l-identità Ewropea u dwar l-abbiltà tagħha li tiżgura soċjetajiet interkulturali li jiffavorixxu l-koeżjoni.

Fuq skala dinjija, id-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali saru sfidi prinċipali għal ordni globali bbażati fuq il-paċi, għarfien reċiproku u rispett għall-valuri komuni, bħalma huma l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet umani u l-protezzjoni tal-lingwi. F'dan ir-rigward, id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità ta' l-espressjonijiet kulturali fit-18 ta' Marzu 2007 għandu jitqies bħala pass fundamentali, li għalih l-UE kkontribwixxiet b'mod sħiħ.

Ir-rikkezza kulturali u d-diversità Ewropea huma marbutin mill-qrib mar-rwol u l-influenza tagħha fid-dinja. L-Unjoni Ewropea mhix sempliċement proċess ekonomiku jew poter kummerċjali, hi diġà meqjusa b'mod wiesa' – u preċiż – bħala proġett soċjali u kulturali bla preċedent li rnexxa. L-UE hi, u għandha taspira li sservi anke aktar, ta' eżempju ta' "poter artab" ibbażat fuq normi u valuri bħalma huma d-dinjità umana, is-solidarjetà, it-toleranza, il-libertà ta' l-espressjoni, ir-rispett għad-diversità u d-djalogu interkulturali, valuri li, sakemm jibqgħu jiġu osservati u promossi, jistgħu jservu ta' spirazzjoni għad-dinja ta' għada.

Ir-rikezza kulturali Ewropea bbażata fuq id-diversità tagħha hi wkoll, u b'mod li qed jikber, valur importanti f'dinja immaterjali u bbażata fuq l-għerf. Is-settur kulturali Ewropew diġà jstimula b'mod dinamiku l-attivitajiet ekonomiċi u l-impjiegi fit-territorju kollu ta' l-UE. L-attivitajiet kulturali jgħinu wkoll fil-promozzjoni ta' soċjetà inklussiva u jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Kif kien rikonoxxut mill-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2007, intraprendituri kreattivi u industrija kulturali dinamika huma sors uniku ta' innovazzjoni għall-ġejjieni. Dan il-potenzjal għandu jiġi rikonoxxut aktar u jiġi esplojtat bi sħiħ.

L-iskop ta' din il-Komunikazzjoni

Qed jikber l-għarfien li l-UE għandha rwol uniku xi twettaq fil-promozzjoni tar-rikkezza u d-diversità kulturali, kemm fi ħdan l-Ewropa kif ukoll fuq skala dinjija. Jeżisti wkoll għarfien li l-kultura hi fattur indispensabbli biex jitwettqu l-għanijiet strateġiċi ta' prosperità, solidarjetà u sigurtà ta' l-UE, filwaqt li tiġi żgurata preżenza aktar qawwija fix-xena internazzjonali.

Ibbażata fuq konsultazzjonijiet estensivi¹, din il-Komunikazzjoni tesplora r-relazzjonijiet bejn il-kultura u l-Ewropa f'dinja li qed tigglobalizza u tipproponi għanijiet għal aġenda ġdida ta' l-UE għall-kultura. Din l-aġenda għandha tinqasam bejn il-partijiet interessati kollha (il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili involuta u l-Parlament Ewropew). Għalhekk il-Kummissjoni qed tfittex ukoll biex tistabbilixxi partenarjati ġodda u metodi għall-kooperazzjoni bejniethom.

¹ Ara http://ec.europa.eu/culture/eac/communication/consult_en.html u http://ec.europa.eu/development/body/theme/human_social/pol_culture1_en.htm

2. KONTRIBUZZJONI TA' L-UE GĦAL KULTURA²

Hu fatt magħruf li hu ġeneralment diffiċli li wieħed jiddefinixxi x'inhi 'kultura'. Hi tista' tirreferi għall-arti tal-ġmiel, inkluża varjetà ta' xogħlijiet ta' arti, prodotti kulturali u servizzi. "Il-kultura" għandha wkoll tifsira antropoloġika. Hi l-bażi ta' dinja simbolika ta' tifsiriet, twemmin, valuri, tradizzjonijiet li jiġu espressi fil-lingwa, l-arti, ir-reliġjon u l-miti. Strettament, hi għandha rwol fundamentali fl-iżvilupp uman u fin-nisġa komplessa ta' identitajiet u drawwiet ta' individwi u komunitajiet.

Fil-kuntest ta' din il-Komunikazzjoni, l-enfasi prinċipali se tkun fuq l-importanza tad-diversi aspetti tal-kultura fl-iżvilupp ta' strateġiji kemm fi ħdan l-UE kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Il-bażi għall-azzjoni ta' l-UE fil-qasam tal-kultura jinstab fit-Trattat. L-Artikolu 151 jistqarr li:

"Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni."

"L-azzjoni tal-Komunità għandha jkollha l-mira li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom ..."

"Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jikkultivaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kultura, partikolarment il-Kunsill ta' l-Ewropa".

"Il-Komunità għandha tagħti kas ta' l-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan it-Trattat, partikolarment sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha."

Il-kultura hi u għalhekk se tibqa' primarjament ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri; f'xi pajjiżi hi tiġi ttrattata b'mod wiesa' fil-livell reġjonali jew anki lokali. L-Artikolu 151 mhux se jipprovdi, pereżempju, għall-armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri. L-azzjoni fil-livell ta' l-UE għandha tittieħed b'rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, bir-rwol ta' l-UE jkun li jappoġġa u jikkomplementa, aktar milli jissostitwixxi, l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri, billi jirrispetta d-diversità tagħhom u jħeġġeġ l-iskambji, id-djalogu u l-komprensjoni reċiproka.

2.1. Ir-rwol tal-politiki interni u l-programmi ta' l-UE

L-UE diġà tikkontribwixxi b'bosta modi għall-promozzjoni ta' l-attivitajiet kulturali fl-Ewropa permezz tal-programmi u l-politiki tagħha:

² Għal aktar dettalji, ara d-dokument ta' ħidma ta' l-istaff anness "Inventarju ta' l-azzjonijiet Komunitarji fil-qasam tal-kultura".

- Il-programmi Komunitarji tal-kultura kienu ferm produttivi. Il-Programm Kultura (2007-2013)³ attwali se jmur aktar lil hinn billi jiffaċilita komprensioni reċiproka, iħeġġeġ il-kreattività, u jikkontribwixxi għall-arrikkament reċiproku tal-kulturi tagħna. Hu se jgħin eluf ta' organizzazzjonijiet kulturali biex joħlqu u jimplimentaw proġetti kulturali u artistiċi li jtejbju t-tagħrif u l-propagazzjoni tal-wirt kulturali Ewropew, li jippromwovu skambji kulturali, kreazzjoni artistika u letterarja, u t-traduzzjoni letterarja. Hu se jappoġġa wkoll entitajiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam tal-kultura u jirrikonoxxi t-tweqqiq prinċipali kulturali Ewropew permezz ta' premjijiet Ewropej fl-arkitettura, il-wirt kulturali u mużikali kif ukoll permezz ta' l-Iblijiet Kapitali Ewropej tal-Kultura.
- Ħafna programmi oħra jħallu impatt pożittiv kbir fuq il-kultura jew permezz ta' proġetti kulturali speċifiċi, jew bl-użu tal-lingwi barranin li huma jippromwovu, bir-rabta mill-qrib bejn it-tagħlim u l-kultura jew l-esperjenzi kulturali personali li huma jistimulaw: fost dawn il-programmi hemm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" (2007-2013)⁴, li hu wkoll ibbażati fuq l-Artikolu dwar il-kultura tat-Trattat u jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva kif ukoll programmi li jappoġġaw it-tagħlim matul il-ħajja (inklużi Erasmus u Erasmus Mundus), il-multilingwiżmu u l-iskambji taż-żgħażaġh.
- fis-settur taċ-ċinema u ta' l-adjoviżwali, il-programm MEDIA⁵, fis-seħħ mill-1991, jippromwovi l-kompetittività ta' l-industrija awdjoviżiva Ewropea. Hu ddisinjat ukoll biex jippromwovi djalogu interkulturali, biex iżid l-għarfien reċiproku fost il-kulturi Ewropej u biex jiżviluppa l-potenzjal kulturali. Oltri dan, Rakkomandazzjoni dwar il-wirt ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati ġiet adottata fis-16 ta' Novembru 2005 u ddefinit l-azzjonijiet konkreti fil-qasam tal-wirt ċinematografiku.
- Firxa ta' programmi oħra Komunitarji ta' finanzjament jikkostitwixxu kontribuzzjoni important għal kultura. L-appoġġ offrut mill-politika ta' Koeżjoni jew mill-politika ta' żvilupp rurali jista' jkun strumentali fil-promozzjoni, pereżempju r-restawr ta' wirt kulturali u l-promozzjoni ta' l-industriji kreattivi bl-għan li tiżdied l-attrazzjoni tar-reġjuni jew li jiġu meġġuna l-professjonisti kulturali fit-taħriġ tagħhom. Dan hu wkoll il-każ ta' l-iżvilupp tas-soċjetà ta' l-informazzjoni (pereżempju l-Inizjattiva Bibljoteki Diġitali li l-għan tagħha hu li jiġi ffaċilitat l-aċċess *online* tal-wirt differenti kulturali u xjentifiku Ewropew).

Numru ta' politiki Komunitarji għandhom ukoll rwol important fid-definizzjoni tal-qafas regolatorju għas-settur kulturali:

Għall-azzjoni Komunitarja skond l-Artikolu 151(4) tat-Trattat, l-isfida hi ta' spiss li jinstab bilanċ bejn id-diversi għanijiet leġittimi tal-politika pubblika, inkluż il-promozzjoni tad-diversità kulturali.

³ Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 372, 27.12.2006).

⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 378, 27.12.2006).

⁵ Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-15 ta' Novembru 2006 (ĠU L 327, 24. 11. 2006).

- Hemm rabta qawwija bejn il-promozzjoni ta' kultura u kreattività u d-dritt ta' l-awtur ta' l-UE u leġislazzjoni relatata dwar id-drittijiet. Din il-leġislazzjoni tippoteġi d-drittijiet ta' l-awturi, il-produtturi u l-artisti biex tiżgura li huma jirċievu dħul ta' flus adegwat għal xogħlijiethom filwaqt li tippermetti propagazzjoni wiesgħa ta' xogħlijiet protetti jew fonogrammi, biex b'hekk tippromwovi l-aċċess liċ-ċittadini għall-wirt kulturali rikk u divers ta' l-Ewropa.
- Id-Direttiva “Televiżjoni Mingħajr Fruntieri”, adottata fl-1989, bid-definizzjoni tal-kondizzjonijiet għat-trażmissjonijiet bejn il-funtieri tax-xandiriet televiżivi fi ħdan is-suq intern Ewropew, ħolqot qafas legali għaċ-ċirkolazzjoni tal-kontenut awdjoviżiv Ewropew fi ħdan l-UE. Din ikkontribwixxiet b'mod sinifikattiv għat-tisħiħ tal-pluraliżmu fil-mezzi tax-xandir u għad-diversità kulturali. F'dan il-kuntest, id-diversità kulturali hi inkoraġġuta wkoll permezz ta' miżuri ta' promozzjoni għall-produzzjonijiet Ewropej u indipendenti.
- Fl-għajnuna statali, wara l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 87 (3) (d)⁶ fit-Trattat ta' Maastricht, bdew jintervjenu konsiderazzjonijiet kulturali. Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni l-Kummissjoni approvat fil-passat firxa wiesgħa ta' miżuri nazzjonali li bbenefikaw minnhom oqsma diversi li jinkudu l-mużewijiet, il-wirt nazzjonali, il-produzzjonijiet teatrali u mużikali, ix-xandir kulturali stampat, u s-settur ċinematografiku u adjoviziv.
- L-UE pproklamat l-2008 bħala Sena Ewropea għad-Djalogu Interkulturali⁷ biex tikkontribwixxi fit-twettiq u l-viżibiltà tal-prattiċi tajba u l-proċessi tad-djalogu interkulturali bl-għan li tiġi stabbilita strateġija sostennibbli lil hinn mill-2008. Se tingħata attenzjoni partikulari lid-dimensjoni multilingwa ta' dan id-djalogu.
- Finalment, abbażi tal-programmi eżistenti ta' finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni tixtieq tagħmel l-2009 Sena Ewropea ta' Kreattività u Innovazzjoni permezz ta' l-edukazzjoni u l-kultura biex tqajjem għarfien pubbliku, tippromowovi dibattittut fi ħdan l-Istati Membri, u tikkontribwixxi għall-inkoraġġiment tal-kreattività, l-innovazzjoni u l-kompetenzi interkulturali.

Fi snin reċenti, l-Istati Membri studjaw forom ġodda ta' kooperazzjoni flessibbli sabiex jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex iwettqu għanijiet komuni. Il-Kunsill fliehem dwar pjan ta' ħidma multi-annwali għall-perjodu 2005-2007⁸ u ġew żviluppati forom flessibbli ta' kooperazzjoni dwar temi speċifiċi, bħall-mobilità tal-kollezzjonijiet tal-mużewijiet. Konferenzi ministerjali regolari kkontribwixxew ukoll fl-iskambju ta' l-aħjar prattiċi u djalogu dwar il-politiki.

⁶ 'għajnuna biex tiġi promossa l-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolgotx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fil-komunità sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni, tista' tiġi kkunsidrata li hi kompatibbli mas-suq komuni'.

⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1983/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 412, 30.12.2006).

⁸ Il-konklużjonijiet tal-2616-il laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Kultura, 15-16 ta' Novembru 2004.

Il-Parlament Ewropew sejjaħ regolarment għall-kooperazzjoni rinforzata fir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu⁹. Barra minn dan, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni enfasizzaw is-sehem tas-soċjetà ċivili organizzata u ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Dawn l-esperjenzi, flimkien mar-risultati tal-proċessi wiesgħa ta' konsultazzjoni meħuda waqt il-preparazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni, wasslet lill-Kummissjoni għall-konklużjoni li l-mument hu issa adatt biex tiġi żviluppata aġenda kulturali komuni u partenarjati ġodda u metodi għal kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u l-pajjiżi terzi.

2.2. Ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE

Il-Kultura hi meqjusa bħala parti importanti tal-programmi u l-istrumenti prinċipali ta' kooperazzjoni ta' l-UE¹⁰, u fil-ftehimiet bilaterali ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi. Hi wkoll element prinċipali tal-kooperazzjoni żviluppata flimkien mal-Kunsill ta' l-Ewropa, li ppermettiet kemm l-implimentazzjoni konġunta tal-Jiem tal-Wirt Ewropew kif ukoll azzjonijiet fil-Balkani tal-Punent.

Varjetà wiesgħa ta' proġetti u programmi kulturali ġew implimentati għal ħafna snin bħala parti mill-assistenza finanzjarja u teknika ta' l-Unjoni mar-reġjuni kollha li qed jiżiluppaw fid-dinja. Dawn l-azzjonijiet kulturali għandhom l-għan li jippreżervaw u jirrestawraw siti ta' wirt, il-produzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tax-xogħlijiet artistiċi, il-ħolqien jew ir-restawr ta' mużewijiet, it-tisħiħ tal-kapaċità lokali ta' l-operaturi kulturali, l-artisti u l-organizzazzjonijiet ta' avvenimenti kulturali prinċipali. Il-Kummissjoni għandha wkoll fondi u azzjonijiet biex tappoġġa t-tfaċċar u t-tisħiħ ta' l-industriji kulturali, b'mod partikulari ċ-ċinema u s-settur awdjoviżiv, f'pajjiżi msieħba, kif ukoll il-promozzjoni ta' aċċess lokali għal kultura u d-diversità kulturali fil-pajjiżi terzi.

F'dan il-kuntest, l-Unjoni kkonċentrat aktar u aktar fuq il-promozzjoni ta' l-appoġġ għad-drittijiet umani, inklużi l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet kulturali, id-drittijiet ta' l-indiġeni kif ukoll d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoritajiet u minn nies soċjalment marġinalizzati.

Id-djalogu interkulturali bħala wieħed mill-istrumenti prinċipali ta' paċi u ta' prevenzjoni ta' konflitti hu ovvjament fost l-għanijiet bażiċi ta' azzjonijiet ta' din ix-xorta. Azzjonijiet prijoritarji f'din id-direzzjoni kienu mnedija bl-impetu ta' grupp konsultattiv imwaqqaf mill-President tal-Kummissjoni, li wassal ukoll fost affarijiet oħra għat-twaqqif, f'Lixandra, tal-Fondazzjoni Ewro-Mediterranja Anna Lindh għad-Djalogu bejn il-Kulturi, u l-ħolqien ta' dibattitu speċifiku fi ħdan id-djalogu politiċi ma' bosta pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni bdiet ukoll reċentement it-tisħiħ tad-diplomazija pubblika tagħha, inklużi l-avvenimenti kulturali, li ta' spiss jinvolvu l-kooperazzjoni ma' u fost l-istituzzjonijiet kulturali ta' l-Istati Membri biex jgħaddu messaġġi importanti f'pajjiżi terzi madwar l-Ewropa, l-identità u l-esperjenzi tagħha fil-bini ta' rabtiet bejn kulturi differenti.

⁹

Ref. Ir-Rapport dwar il-kooperazzjoni kulturali fl-Unjoni Ewropea – Giorgio Ruffolo – A5-0281/2001.

¹⁰

Bħalma huma l-Ftehim ta' Cotonou ma' l-Istati Afrikani, tal-Karibew u l-Paċifiku, il-Programm tal-Viċinat u l-Partenarjat ma' pajjiżi ġirien u r-Russja, u l-istrument ta' l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni li jikkonċerna l-Asja u l-Amerika Ċentrali u Latina.

F'livell aktar ġenerali, il-Kummissjoni ppreżentat programmi tematiċi multi-annwali taħt il-perspettivi finanzjarji ta' 2007-2013 sabiex tiffinanzja minn banda l-interventi Komunitarji fil-livell tal-pajjiżi u r-reġjuni li qed jiżviluppaw, u mill-banda l-oħra fil-livell internazzjonali. Il-programmi tematiċi "Investiment fir-Riżorsi Umani" u "Atturi Mhux Statali u Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp" huma disponibbli biex jikkomplementaw il-kooperazzjoni ġeografika permezz tad-dokumenti strateġiċi nazzjonali fil-qasam tal-kultura. Servejs reċenti dwar l-opinjoni juru b'mod ċar li, taħt il-perspettivi tal-globalizzazzjoni, maġġoranza kbira ta' -ċittadini Ewropej – immexxija mill-Kapitoli ta' l-Istati u Gvernijiet f'Ġunju 2006¹¹ – iridu l-Ewropa tkun aktar preżenti fid-dinja, b'politika esterna li tirrifletti b'mod xieraq il-valuri tagħha. Il-Kultura hi ċertament ċentrali għal dan l-avviċinament ta' kunsens multilateral.

Id-dħul fis-seħħ mgħaġġel tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali turi r-rwol il-ġdid tad-diversità kulturali fil-livell internazzjonali: bħala partijiet, il-Komunità u l-Istati Membri rabtu lilhom infushom li jsaħħu pilastru kulturali ta' governanza dinjija u ta' żvilupp sostenibbli, notevolment permezz tat-tkabbir tal-kooperazzjoni internazzjonali.

3. GĦANIJET GĦALL-AĠENDA EWROPEA TAL-KULTURA

Il-proċess estensiv ta' konsultazzjoni mwettaq fl-2006 ppermetta lill-Kummissjoni tidentifika kunsens qawwi għall-aġenda ġdida ta' l-UE għall-kultura, biex b'hekk tibni fuq twettiq anterjuri u tirrinforza attivitajiet li għadhom għaddejjin. Dan se jinbena fuq tliet settijiet ta' għanijiet interrelatati:

- il-promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali;
- il-promozzjoni tal-kultura bħala katalizzatur għal kreattività fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi;
- il-promozzjoni tal-kultura bħala element essenzjali fir-relazzjonijiet internazzjonali ta' l-Unjoni.

Dawn l-għanijiet għandhom jiggwidaw l-azzjoni ta' l-UE fil-futur. Kull attur se jiġi mistieden biex jikkontribwixxi, bir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà:

- għall-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom, dan se jfisser aktar żvilupp tal-politiki tagħhom f'dawn l-oqsma b'referenza għal għanijiet komuni u sforz biex jorjentaw attivitajiet konġunti fost affarijiet oħra permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u tkixxif ta' l-oportunitajiet offriti mill-iffinanzjar ta' l-UE;
- għall-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-kultura, bħalma huma l-organizzazzjonijiet professjonali, l-istituzzjonijiet kulturali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, in-netwerks Ewropej, il-fondazzjonijiet, eċċ., dan se jfisser kemm impenn mill-viċin fid-djalogu ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u appoġġ għall-iżvilupp ta' politiki u azzjonijiet ġodda ta' l-UE, kif ukoll djalogu li jiżviluppa fosthom;

¹¹ Meta l-Kunsill Ewropew approva l-proposta tal-Kummissjoni 'L-Ewropa fid-Dinja – Proposti Prattiki għal Koerenza, Effettività u Viżibilità Akbar' - KUMM(2006) 278.

- għall-Kummissjoni, dan se jfisser kemm il-mobilizzazzjoni tal-politiki interni u esterni tagħha, tal-programmi ta' finanzjament Komunitarji, kif ukoll rwol imġedded ta' animazzjoni, skambju ta' Prattika tajba u djalogu mal-firxa kollha ta' l-atturi;
- għall-atturi kollha, dan se jfisser sens ta' partenarjat imġedded u adeżjoni ma' l-azzjoni Komunitarja biex jitwettqu dawn l-għanijiet.

It-taqsima segwenti tispjega kull wieħed minn dawn l-għanijiet wesgħin f'aktar dettall.

3.1. Id-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali

“Hi l-arti li tista' tibni l-personalità taż-żgħażaġh bl-iskop li jiftħu moħħhom, sabiex jidħol fihom ir-rispett lejn l-oħrajn u x-xewqa għal paċi”. Yehudi Menuhin

It-twarriid tal-kulturi ta' l-Istati Membri fir-rigward tad-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom hu għan importanti ta' l-UE assenjat mit-Trattat tal-KE. Sabiex jitressaq fuq quddiemnett il-wirt komuni tagħna b'mod simultanju u sabiex tiġi rikonossuta l-kontribuzzjoni tal-kulturi kollha preżenti fis-soċjetajiet tagħna, id-diversità kulturali teħtieġ li tkun sostnuta f'kuntest ta' ftuħ u skambji bejn id-diversi kulturi. Peress li ngħixu f'soċjetajiet li aktar qed isiru multikulturali, neħtieġu għalhekk li nipromwovu d-djalogu intellettuali u l-kompetenzi interkulturali. Dawn huma wkoll essenzjali fil-kuntest ta' ekonomija dinjija fir-rigward tat-tkabbir ta' l-impjegabilità, l-adattazzjoni u l-mobilità ta' l-artisti u l-ħaddiema fis-settur kulturali kif ukoll il-mobilità tax-xogħlijiet ta' l-arti. Peress li ċ-ċittadini huma fost il-benefiċjarji prinċipali fl-iżvilupp tad-diversità kulturali, jeħtiġilna niffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal kultura u x-xogħlijiet kulturali.

L-għanijiet speċifiċi segwenti għandhom jiġu indirizzati:

- Il-promozzjoni tal-mobilità ta' l-artisti u l-professjonisti fil-qasam kulturali u ċ-ċirkolazzjoni ta' l-espressjonijiet artistiki kollha lil hinn mill-fruntieri nazzjonali:
 - il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi publiċi u privati favur il-mobilità ta' l-artisti u l-ħaddiema fis-settur kulturali fi ħdan l-UE;
 - il-promozzjoni tal-mobilità ta' xogħlijiet artistiki u ta' espressjonijiet artistiki oħra;
 - il-miljorament tal-koordinazzjoni Ewropea għall-aspetti li jaffettwaw il-mobilità tal-ħaddiema kulturali fi ħdan l-UE sabiex jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet li jirriżultaw minn mobilità għal żmien qasir jew frekwenti bejn l-Istati Membri.
- Il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-kompetenzi interkulturali u tad-djalogu interkulturali, b'mod partikulari billi jiġu żviluppati 'għarfien u espressjoni kulturali', 'kompetenzi soċjali u ċiviċi' u 'komunikazzjoni f'isna barranin', li huma parti mill-kompetenzi prinċipali għat-tagħlim matul il-ħajja identifikati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-2006¹².

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (2006/962/KE) (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).

3.2. Il-kultura bħala katalizzatur għall-kreattività fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi;

"L-intelliġenza hi pprogrammata għall-ħolqien tad-differenzi". Francesco Alberoni

L-industriji kulturali u s-settur kreattiv qed jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għal PGD Ewropew, it-tkabbir u l-impjiegi. Bħala eżempju, studju reċenti indipendenti mwettaq għall-Kummissjoni kkalkula li aktar minn 5 miljun persuna ħadmet fl-2004 għas-settur kulturali, ekwivalenti għal 3.1% tat-total tal-popolazzjoni impjegata fl-UE25. Is-settur kulturali kkontribwixxa madwar 2.6% tal-PGD ta' l-UE fl-2003, bi tkabbir b'mod sinifikanti ogħla minn dak ta' l-ekonomija in ġenerali bejn l-1999 u l-2003¹³. Dawn l-industriji u l-kreattività li jiġġeneraw huma valur essenzjali għall-ekonomija u l-kompetittività Ewropea f'kuntest ta' globalizzazzjoni.

Ir-rwol tal-kultura ta' appoġġ u ta' inkoraġġiment għal kreattività u l-innovazzjoni għandu jiġi studjat u promoss. Il-kreattività hi l-bażi ta' l-innovazzjoni soċjali u teknoloġika, u għalhekk fattur importanti ta' tkabbir, kompetittività u impjiegi fl-UE.

L-għanijiet speċifiċi segwenti għandhom jiġu indirizzati:

- Il-promozzjoni tal-kreattività fl-edukazzjoni bl-involviment tas-settur kulturali li jistrieħ fuq il-potenzal kulturali bħala kontribuzzjoni/għodda konkreta għat-tagħlim matul il-ħajja u l-promozzjoni tal-kultura u l-arti fl-edukazzjoni informali u formali (inkluż it-tagħlim tal-lingwi).
- Il-promozzjoni tat-tisħiħ tal-kapaċità fis-settur kulturali billi jingħata appoġġ lit-taħriġ tas-settur kulturali fil-kompetenzi maniġerjali, fl-intraprenditorija, fl-għarfien tad-dimensjoni Ewropea/ta' l-attivitajiet tas-suq u billi jiġu żviluppati sorsi innovattivi ta' finanzjament, inklużi l-għoti ta' flus, u aċċess imtejjeb għalihom.
- L-iżvilupp ta' partenarjati kreattivi bejn is-settur kulturali u setturi oħra (ICTs, riċerka, turiżmu, imsieħba soċjali, eċċ) biex jissaħħa l-impatt soċjali u ekonomiku ta' l-investimenti fil-kultura u l-kreattività, b'mod partikulari fir-rigward tal-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi u l-iżvilupp u l-attrazzjoni tar-reġjuni u l-ibliet.

3.3. Il-kultura bħala element indispensabbli fir-relazzjonijiet internazzjonali

"Kull kultura titwieled permezz ta' taħlit, interazzjoni, konfrontazzjoni. Bil-maqlub, hu l-isolament li joqtol iċ-ċivilizzazzjoni." Octavio Paz

Bħala partijiet tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità ta' l-Espressjonijiet Kulturali, il-Komunità u l-Istati Membri affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiżviluppaw rwol kulturali ġdid aktar pro-attiv għall-Ewropa fil-kuntest tar-relazzjonijiet internazzjonali ta' l-Ewropa u li jintegraw id-dimensjoni kulturali bħala element indispensabbli fit-trattazzjonijiet ta' l-Ewropa ma' pajjiżi sħab u reġjuni. Dan għandu jgħin fil-promozzjoni ta' l-għarfien u l-komprensjoni tal-kulturi ta' l-Ewropa madwar id-dinja.

¹³ Ara l-istudju dwar l-Ekonomija tal-Kultura fl-Ewropa, imwettaq mill-KEA għall-Kummissjoni Ewropea, 2006 fl-indirizz http://ec.europa.eu/culture/eac/sources_info/studies/studies_en.html.

Biex titwettaq din l-integrazzjoni hu kruċjali li jiġi żviluppat dialogu attiv interkulturali mal-pajjiżi kollha u mar-reġjuni kollha, għandu jkun ta' vantaġġ pereżempju l-irbit lingwistiku Ewropew ma' ħafna pajjiżi. F'dan il-kuntest, hu importanti wkoll li tiġi promossa r-rikkezza tad-diversità kulturali ta' sħabna, biex jiġu servuti l-identitajiet lokali, jiġi promoss aċċess għal kultura tal-popolazzjonijiet lokali u jiġi żviluppat sors ekonomiku li jista' jħalli impatt dirett fuq l-iżvilupp soċjo-ekonomiku.

Filwaqt li nżommu dan quddiem għajnejna, l-UE se tadotta avviċinament ta' "żewġ rotot tewmin", li jikkonsisti:

- fl-integrazzjoni sistematika tad-dimensjoni kulturali u fid-diversi komponenti tal-kultura fil-politika esterna u ta' żvilupp, fil-proġetti u l-programmi kollha - bħala mezz ta' tisħiħ tal-kwalità ta' l-isforzi diplomatiċi kollha tagħha, u tal-viżibiltà u s-sostenibiltà ta' l-attivitajiet kollha ta' kooperazzjoni ta' l-UE; u
- fl-appoġġ għal azzjonijiet u avvenimenti kulturali speċifiċi – il-Kultura hi riżorsa fih infisha, u l-aċċess għal kultura għandu jitqies bħala prijorità fl-iżvilupp tal-politiki.

L-għanijiet speċifiċi segwenti għandhom jiġu indirizzati:

- biex jiġi żviluppat aktar id-dialogu politiku mal-pajjiżi u r-reġjuni kollha fil-qasam tal-kultura u jiġu promossi l-iskambji kulturali bejn l-UE u r-reġjuni u l-pajjiżi terzi;
- biex jiġi promoss l-aċċess għas-suq, kemm għas-swieq Ewropej kif ukoll għal swieq oħrajn, għal prodotti u servizzi kulturali minn pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' azzjonijiet immirati kif ukoll permezz ta' ftehimiet li jagħtu trattament preferenzjali jew miżuri ta' assistenza relatati mal-kummerċ;
- biex jintużaw il-politiki esterni u ta' żvilupp tagħha ħalli minn banda jiġu pproteġuti u promossi d-diversità kulturali permezz ta' appoġġ finanzjarju u tekniku għall-preservazzjoni ta' u l-aċċess għal wirt kulturali u, mill-banda l-oħra, jingħata inkoraġġiment attiv u promozzjoni għall-attivitajiet kulturali madwar id-dinja;
- biex jiġi żgurat li l-programmi u l-proġetti ta' kooperazzjoni kollha tagħha jikkunsidraw, fit-tfassil u fl-implementazzjoni tagħhom, tal-kultura lokali u jikkontribwixxu biex jiżdied l-aċċess tan-nies għall-kultura u għall-mezzi ta' espressjoni kulturali, inklużi l-kuntatti interpersonali. L-edukazzjoni hi element partikularment importanti, li tinkludi l-promozzjoni ta' l-integrazzjoni tal-kultura fil-kurrikula ta' l-edukazzjoni fil-livelli kollha fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
- biex jiġi promoss l-involviment attiv ta' l-UE fil-ħidma ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-kultura, u fil-proċess 'Alleanza ta' Ċivilizzazzjonijiet' tan-Nazzjonijiet Uniti.

4. PARTENRJATI U METODI TA' ĦIDMA ĠODDA

Sabiex timplimenta l-aġenda għall-kultura tagħha, l-Ewropa għandha tistrieħ fuq partenarjat solidu bejn l-atturi kollha, li għandu erba' dimensjonijiet essenzjali.

4.1. It-tkomplija tad-djalogu mas-settur kulturali

Il-Kummissjoni hi impenjata li tkompli djalogu strutturat mas-settur, li għandu jipprovdi qafas għall-iskambju regolari ta' l-opinjonijiet u ta' l-aħjar prattiċi, kontribuzzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, segwitu u valutazzjoni.

Għal raġunijiet ta' leġittimità, is-settur kulturali għandu jkompli jorganizza lilu nnifsu kemm jista' jkun possibbli sabiex jippermetti l-identifikazzjoni ta' interlokutori rappreżentattivi. Il-Kummissjoni tilqa' l-istrutturar progressiv li diġà qed jitwettaq kemm bit-tfaċċar ta' xi organizzazzjonijiet rappreżentattivi kif ukoll b'xi strutturi operattivi bħalma hi l-pjattaforma tas-soċjetà ċivili dwar id-djalogu interkulturali.

Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi, il-karatteristiċi speċjali tas-settur, notevolment l-eteroġeneità tiegħu (organizzazzjonijiet professjonali, istituzzjonijiet kulturali bi gradi differenti ta' indipendenza, organizzazzjonijiet mhux governattivi, networks Ewropej u mhux, fondazzjonijiet, eċċ), kif ukoll in-nuqqas ta' komunikazzjoni fil-passat bejn l-industriji kulturali u atturi kulturali oħra, u l-isfidi li dan jgħid fir-rigward ta' strutturar akbar tas-settur. L-effett ta' dan kien li jitnaqqas il-vuċi tas-settur kulturali fil-livell Ewropew.

Bl-għan li jiġi żviluppat djalogu aħjar bejn il-Kummissjoni u dawn id-diversi atturi, l-Kummissjoni tipproponi l-miżuri li ġejjin:

- li tistabbilixxi kartografija tas-settur sabiex tidentifika u tifhem aħjar il-firxa sħiħa tal-partijiet interessati tiegħu;
- li tistabbilixxi "Forum Kulturali" biex tikkonsulta l-partijiet interessati u tinkoraġġixxi t-tfaċċar ta' pjattaforma li tistruttura lilha nfisha jew sett ta' pjattaformi tal-partijiet interessati;
- li tinkoraġġixxi l-espressjoni ta' opinjonijiet rappreżentattivi minn artisti u intellettuali individwali fil-livell Ewropew ("ambaxxaturi kulturali"), inklużi l-esplorazzjoni ta' l-opportunità u l-possibbiltà ta' forum virtwali *on-line* Ewropew li jippermetti l-iskambju ta' l-opinjonijiet, l-espressjoni artistika u li jilħaq liċ-ċittadini;
- li tinkoraġġixxi lill-imsieħba soċjali fis-setturi kulturali sabiex jiżviluppaw aktar id-djalogu awtonomu u soċjali tagħhom skond l-Artikoli 138 u 139 tat-Trattat. Abbażi ta' dan, jeżistu diġà kunitati settorjali għad-djalogu soċjali għall-arti ta' l-ispettaklu ħaġ u għas-settur awdjoviżiv;
- li twassal dimensjoni kulturali lid-dibattiti pubbliċi Ewropej billi tuża r-rappreżentanzi tal-Kummissjoni. It-tqegħid tal-kultura fiċ-ċentru se jkabbar id-djalogu u jilħaq udjenzi ġodda.

4.2. L-implimentazzjoni ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni

Kif intqal hawn fuq, l-Istati Membri adottaw pjan ta' ħidma komuni fil-Kunsill għall-2005-2007. Il-pjan ta' ħidma għandu bżonn jiġġedded u l-Kummissjoni temmen li l-mument hu adatt għall-Istati Membri li jagħmlu pass ieħor fil-kooperazzjoni tagħhom, billi jużaw il-metodu miftuħ ta' kooperazzjoni (OMC) bħala mekkaniżmu biex jagħmlu dan, fi spirtu ta' partenarjat.

L-OMC joffri qafas adatt għal kooperazzjoni fil-qasam tal-kultura bejn l-Istati Membri. Dan hu qafas intergovernattiv li ma jorbotx għall-iskambju tal-politiki u għal azzjonijiet miftiehma adatti għal qasam ta' din ix-xorta, fejn il-kompetenzi jibqgħu fil-parti l-kbira fil-livell ta' l-Istat Membru. Dan jikkonsisti fi ftehim dwar għanijiet komuni, f'kontroll regolari tal-progressi milħuqa tat-twettiq tagħhom u fi skambju ta' l-aħjar prattika u *data* rilevanti sabiex jiġi inkoraġġut it-tagħlim reċiproku.

L-OMC jeżisti fl-oqsma ta' l-impjiegi, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh. L-OMC f'dawn l-oqsma għen biex jissaħħaħ it-tfassil tal-politiki ta' l-Istati Membri, peress li l-parteċipazzjoni regolari fil-proċess Ewropew italla' l-profil ta' dawn il-politiki għal-livell nazzjonali u toħloq stimulu addizzjonali għalihom. Hu jagħmilha wkoll possibbli għall-Istati Membri li jitgħallmu minn xulxin. U jippermetti lill-atturi f'dawn l-oqsma ta' politiki li jkollhom vuċi fil-livell Ewropew li ma jistax jingħatalhom b'mod ieħor.

Hu essenzjali, għaldaqstant, li l-aspetti speċjali tas-settur kulturali jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ fid-definizzjoni ta' l-OMC f'dan il-qasam. Fi spirtu ta' partenarjat ma' l-Istati Membri, dan jimplika l-adozzjoni ta' avviċinament flessibbli, li jinvolvi l-iffissar ta' għanijiet ġenerali b'sistema ħafifa u regolari ta' rapportar.

Il-Kummissjoni tipproponi abbażi ta' din il-Komunikazzjoni, li l-Kunsill tal-Ministri jadotta l-għanijiet issuġġeriti hawn fuq, filwaqt li jiffissa l-prijoritajiet u jftiehem dwar eżerċizzju ta' segwitu ta' kull sentejn. Bħala parti minn dan l-eżerċizzju, il-Kummissjoni se tabbozza kull sentejn rapport konġunt flimkien ma' rappreżentanti għolja ta' l-Istati Membri fejn tiġbor fil-qosor il-kwistjonijiet u t-tendenzi prinċipali u tiddiskuti l-progress fost l-Istati Membri fir-rigward ta' l-għanijiet komuni.

L-Istati Membri se jiġu inkoraġġuti biex jassoċjaw b'mod sħiħ l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-partijiet interessati kulturali nazzjonali fil-proċess ta' segwitu u biex jiddeskrivu fir-rapporti nazzjonali tagħhom kif ġew involuti. Fil-livell ta' l-UE, il-Kummissjoni se tinvolvi l-partijiet interessati fil-proċess permezz tal-Forum Kulturali msemmi hawn fuq. Fis-sena ta' qabel il-pubblikazzjoni tar-rapport, il-Kummissjoni se torganizza laqgħa sabiex tiġbor il-kontribuzzjonijiet mis-soċjetà ċivil.

Il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom ikunu involuti fil-proċess.

Fit-twettiq ta' dawn l-għanijiet ta' relazzjonijiet esterni, il-qafas ta' ħidma rilevanti estern ta' l-UE, inklużi l-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin, se jkunu involuti kif adatt. Il-Kummissjoni għandha tfittex, flimkien ma' l-Istati Membri, li tkabbar il-koordinazzjoni ta' l-UE fl-attivitajiet li jirrigwardaw il-kooperazzjoni kulturali. Din għandha tinkludi l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar prattiċi. Il-preparazzjoni ta' Dokumenti Strateġiċi Nazzjonali u Strateġiji Konġunti ta' Assistenza se tkompli tkun fil-qalba ta' l-isforzi biex jiżdedu l-isforzi tal-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni.

4.3. Appoġġ lill-elaborazzjoni tal-politiki bbażati fuq il-fatti

Il-Kummissjoni se jkollha rwol ta' appoġġ u ta' koordinazzjoni, fejn adatt, fir-rigward ta' kull wieħed mill-għanijiet imsemmija hawn fuq u fil-proposti ta' l-OMC.

Is-segwitu ta' l-għanijiet imsemmija hawn fuq jimplika t-titjib tal-komprensjoni tal-kontribuzzjoni tas-settur kulturali għall-Aġenda ta' Liżbona sabiex tiġi ffaċilitata politika bbażata fuq l-evidenza. Dan jinvolvi l-iskambju tad-*data* u l-istudji ta' każijiet eżistenti u l-kooperazzjoni dwar il-metodoloġiji tal-valutazzjoni u ta' l-analiżi ta' impatt. Madankollu jeħtieġ ukoll li ssir analiżi u, fejn neċessarju, titjib tat-tagħrif statistiku u jiġi żgurat tqabil ta' l-istatistiċi nazzjonali, ikkoordinat mill-EUROSTAT.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tniedi sensiela ta' studji u kooperazzjoni bejn is-servizzi biex tappoġġa l-għanijiet proposti u l-elaborazzjoni ta' politiki bbażati fuq fatti u azzjonijiet. Hi se tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' kuntatti bejn l-atturi involuti fil-valutazzjoni ta' impatt u l-valutazzjoni tal-politika kulturali fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.

4.4. L-integrazzjoni tal-kultura fil-politiki rilevanti kollha

L-Artikolu 151(4) tat-Trattat jipprevedi li l-Komunità għandha tagħti kas ta' l-aspetti kulturali fl-azzjonijiet tagħha taħt dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat, partikularment sabiex tirrispetta u tippromwovi d-diversità tal-kulturi tagħha.

Biex twettaq aħjar dan l-impenn, il-Kummissjoni għandha ssaħħa l-koordinazzjoni interna bejn is-servizzi u tapprofondixxi l-analiżi tagħha ta' l-interazzjoni bejn id-diversità kulturali u l-politiki Komunitarji sabiex toħloq bilanċ xieraq bejn diversi għanijiet leġittimi ta' politika pubblika, inkluża l-promozzjoni tad-diversità kulturali, meta jittieħdu d-deċiżjonijiet jew isiru proposti ta' natura regolatorja jew finanzjarja. Pereżempju, il-Kummissjoni reċentement ħolqot grupp ġdid bejn is-servizzi biex jintlaħaq dan l-iskop.

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, qed tingħata attenzjoni partikulari lid-djalogu multikulturali u interkulturali u lid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet, li jippromwovi l-komprensjoni bejn l-UE u s-sħab internazzjonali u li jilħqu aktar udjenza akbar fil-pajjiżi sħab. F'dan il-kuntest, l-edukazzjoni u partikularment l-edukazzjoni ta' drittijiet umani għandhom rwol sinifikanti. Il-programm il-ġdid Erasmus Mundus se jikkontribwixxi għal dan. Il-Kummissjoni tappoġġa d-djalogu u l-attivitajiet relatati mal-kultura fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP), il-programm "Investiment fir-Riżorsi Umani", fl-istituzzjonijiet bħall-Fondazzjoni Anna Lindh fir-reġjun Ewro-Mediterran, kif ukoll fi ħdan l-Alleanza ta' Ċivilizzazzjonijiet tan-NU. Flimkien ma' xi pajjiżi sħab fir-reġjun ta' l-ENP, fl-Asja u bnadi oħra, programmi ta' kooperazzjoni kulturali huma stabbiliti (bħalma hu l-Fond Kulturali għall-Indja). Dawn l-attivitajiet huma ta' natura interdependenti.

Sabiex jiġu appoġġati b'mod effiċjenti azzjonijiet kulturali speċifiċi fil-pajjiżi ta' l-AKP, il-Kummissjoni Ewropea qed tippromwovi li jinholq Fond Kulturali UE-AKP bħala kontribuzzjoni konġunta Ewropea biex tiġi appoġġata d-distribuzzjoni u f'ċerti każijiet il-produzzjoni tal-prodotti kulturali ta' l-AKP. Il-Fond se jinkoraġġixxi t-tfaċċar ta' swieq u industrij lokali, biex b'hekk jiġi ffaċilitat u inkoraġġut l-aċċess tan-nies lokali għall-kultura u għad-diversi mezzi ta' espressjoni kulturali, u se jkabbar ukoll l-aċċess għall-prodotti kulturali ta' l-AKP għas-swieq Ewropej permezz ta' aċċess aħjar għan-netwerks u l-pjattaform distributtivi fl-UE.

L-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp se jipprovdi bidu sabiex jiġi ffinanzjat dan il-Fond li se jiġi kkomplementat permezz tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE.

5. KONKLUŻJONI

“Il-Kultura mhux lussu, iżda neċessità” Gao Xingjian

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mument hu adatt għal aġenda ġdida Ewropea għal kultura, li tikkunsidra r-realtajiet tad-dinja ta' llum li qed tiġi gglobablizzata.

Din il-Komunikazzjoni tressaq proposti konkreti kemm fir-rigward ta' sett ta' għanijiet komuni kif ukoll ta' metodi ġodda biex tiżdied il-kooperazzjoni kulturali fl-UE.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Komitat tar-Reġjuni u l-Komitat Ekonomiku u Soċjali huma mistiedna jirreaġixxu għal din il-Komunikazzjoni.

Il-Kunsill hu mitlub jieħu l-passi meħtieġa biex jiddeċiedi dwar sett ta' għanijiet komuni u dwar proċess adatt ta' rapportar fi ħdan il-metodu miftuħ ta' kooperazzjoni li qed jiġi propost, u l-Kunsill Ewropew biex japprovahom fil-konklużjonijiet tiegħu.